DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2020/1804

tas-27 ta' Novembru 2020

li tistabbilixxi l-kriterji tal-Ekotikketta tal-UE għall-unitajiet tal-wiri elettroniċi

(notifikata bid-dokument C(2020) 8156)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 66/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 dwar skema ta' Ekotikketta tal-UE ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 8(2) tiegħu,

Wara li kkonsultat lill-Bord tal-Ekotikkettar tal-Unjoni Ewropea,

Billi:

(1) Skont ir-Regolament (KE) Nru 66/2010, l-Ekotikketta tal-UE tista' tingħata lil dawk il-prodotti b'impatt ambjentali mnaqqas tul iċ-ċiklu kollu ta' ħajjithom.

(2) Ir-Regolament (KE) Nru 66/2010 jistipula li jridu jiġu stabbiliti kriterji speċifiċi tal-Ekotikketta tal-UE skont il-gruppi tal-prodotti.

(3) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/300/KE ([2]) stabbiliet il-kriterji u r-rekwiżiti ta' valutazzjoni u ta' verifika relatati magħhom għall-grupp ta' prodotti "televiżjonijiet". Il-perjodu ta' validità ta' dawk il-kriterji u r-rekwiżiti ġie estiż sal-31 ta' Diċembru 2020 bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1134 ([3]).

(4) Sabiex tiġi riflessa aħjar l-aħjar prattika fis-suq għal dan il-grupp ta' prodotti u sabiex jitqiesu l-innovazzjonijiet li ġew introdotti sadanittant, huwa xieraq li jiġi stabbilit sett ġdid ta' kriterji għat-"televiżjonijiet".

(5) Ir-Rapport tal-Kontroll tal-Idoneità tal-Ekotikketta tal-UE ([4]) tat-30 ta' Ġunju 2017, li jirrieżamina l-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 66/2010, ikkonkluda li hemm bżonn jiġi żviluppat approċċ aktar strateġiku għall-Ekotikketta tal-UE, inkluż ukoll ir-raggruppament ta' gruppi ta' prodotti li huma relatati mill-qrib ma' xulxin, fejn dan ikun xieraq.

(6) F'konformità ma' dawk il-konklużjonijiet u wara li ġie kkonsultat il-Bord tal-Ekotikkettar tal-Unjoni Ewropea, huwa xieraq li jiġu riveduti l-kriterji għall-grupp ta' prodotti "televiżjonijiet", inkluż l-espansjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tiegħu għall-unitajiet tal-wiri esterni tal-kompjuter u għall-unitajiet tal-wiri tas-sinjalar li huma koperti mir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2019/2021 ([5]) u mir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/2013 ([6]). Sabiex tiġi riflessa dik l-espansjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tiegħu, huwa wkoll xieraq li l-isem tal-grupp ta' prodotti jiġi mmodifikat għal "Unitajiet tal-Wiri Elettroniċi".

([1]) Ir-Regolament (KE) Nru 66/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 dwar skema ta' Ekotikketta tal-UE (ĠU L 27, 30.1.2010, p. 1).

([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/300/KE li tistabbilixxi l-kriterji ekoloġiċi riveduti għall-għotja tal-Ekotikketta Komunitarja lit-televiżjonijiet (ĠU L 82, 28.3.2009, p. 3).

([3]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1134 tal-1 ta' Lulju 2019 li temenda d-Deċiżjoni 2009/300/KE u d-Deċiżjoni (UE) 2015/2099 fir-rigward tal-perjodu ta' validità tal-kriterji ekoloġiċi għall-għoti tal-Ekotikketta tal-UE lil ċerti prodotti, u tar-rekwiżiti ta' valutazzjoni u ta' verifika relatati magħhom (ĠU L 179, 3.7.2019, p. 25).

([4]) Ir-Rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar ir-rieżami tal-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1221/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 dwar il-parteċipazzjoni volontarja ta' organizzazzjonijiet fi skema Komunitarja ta' ġestjoni u verifika ambjentali (EMAS) u tar-Regolament (KE) Nru 66/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 dwar skema ta' Ekotikketta tal-UE (COM(2017) 355 final).

([5]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2019/2021 tal-1 ta' Ottubru 2019 li jistabbilixxi rekwiżiti tal-ekodisinn għall-unitajiet tal-wiri elettroniċi skont id-Direttiva 2009/125/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1275/2008 u li jħassar ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 642/2009 (ĠU L 315, 5.12.2019, p. 241).

([6]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/2013 tal-11 ta' Marzu 2019 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2017/1369 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fejn jidħol it-tikkettar tal-enerġija tal-unitajiet tal-wiri elettroniċi u li jħassar ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 1062/2010 (ĠU L 315, 5.12.2019, p. 1).

(7) Il-Pjan ta' Azzjoni l-ġdid dwar l-Ekonomija Ċirkolari għal Ewropa aktar nadifa u kompetittiva ([7]) adottat fil-11 ta' Marzu 2020 jistipula li r-rekwiżiti dwar id-durabbiltà, ir-riċiklabbiltà u l-kontenut riċiklat se jkunu inklużi b'mod aktar sistematiku fil-kriterji tal-Ekotikketta tal-UE.

(8) Il-kriterji riveduti tal-Ekotikketta tal-UE għall-unitajiet tal-wiri elettroniċi għandhom l-għan, b'mod partikolari, li jippromwovu l-prodotti li huma effiċjenti fl-użu tal-enerġija, li jistgħu jissewwew, li jistgħu jiġu żarmati faċilment (sabiex jiġi ffaċilitat l-irkupru tar-riżorsi mir-riċiklaġġ fi tmiem il-ħajja utli tagħhom), li jkollhom kontenut riċiklat minimu u li jkun jista' jkun fihom ammont limitat biss ta' sustanzi perikolużi.

(9) Il-kriterji l-ġodda u r-rekwiżiti ta' valutazzjoni u ta' verifika relatati magħhom għall-grupp ta' prodotti jenħtieġ li jibqgħu validi sal-31 ta' Diċembru 2028, filwaqt li jitqies iċ-ċiklu tal-innovazzjoni għal dak il-grupp ta' prodotti.

(10) Għal raġunijiet ta' ċertezza legali, id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/300/KE jenħtieġ li titħassar.

(11) Jenħtieġ li jingħata perjodu ta' tranżizzjoni lill-produtturi li l-prodotti tagħhom ingħataw l-Ekotikketta tal-UE għat-televiżjonijiet abbażi tal-kriterji stabbiliti fid-Deċiżjoni 2009/300/KE, sabiex ikollhom żmien suffiċjenti biex jadattaw il-prodotti tagħhom biex isiru konformi mal-kriterji u mar-rekwiżiti l-ġodda. Għal perjodu limitat wara l-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni, il-produtturi jenħtieġ li jitħallew iressqu applikazzjonijiet ibbażati fuq il-kriterji stabbiliti fid-Deċiżjoni 2009/300/KE jew fuq il-kriterji l-ġodda stabbiliti b'din id-Deċiżjoni. Il-liċenzji tal-Ekotikketta tal-UE mogħtija f'konformità mal-kriterji stabbiliti fid-Deċiżjoni l-antika jenħtieġ li jitħallew jintużaw għal 12-il xahar mid-data tal-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

(12) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 16 tar-Regolament (KE) Nru 66/2010,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-grupp ta' prodotti "unitajiet tal-wiri elettroniċi" għandu jinkludi t-televiżjonijiet, il-monitor u l-unitajiet tal-wiri tas-sinjalar diġitali.

Artikolu 2

Għall-finijiet ta' din id-Deċiżjoni, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(1) "unità tal-wiri elettronika" tfisser skrin tal-wiri u l-elettronika assoċjata miegħu li l-funzjoni primarja tiegħu tkun il-wiri ta' informazzjoni viżwali minn sorsi bil-wajer jew mingħajru;

(2) "unità tal-wiri tas-sinjalar diġitali" tfisser unità tal-wiri elettronika maħsuba primarjament għall-wiri pubbliku f'ambjenti li mhumiex ibbażati fuq desktop. L-ispeċifikazzjonijiet tagħha għandhom jinkludu l-karatteristiki kollha li ġejjin:

   (a) identifikatur uniku li jkun jista' jindirizza lil unità tal-wiri speċifika;

   (b) funzjoni li tiddiżattiva l-aċċess mhux awtorizzat għall-konfigurazzjonijiet tal-unità tal-wiri u għall-immaġni murija;

   (c) konnessjoni ta' netwerk (li tkun tinkludi interfaċċja bil-wajers jew mingħajrhom) għall-kontroll, għall-monitoraġġ jew għar-riċeviment tal-informazzjoni li trid tintwera, u li tkun ġejja minn sorsi unicast jew multicast remoti iżda mhux minn sorsi tax-xandir;

   (d) trid tkun maħsuba biex tiġi installata mdendla, immuntata jew imwaħħla ma' struttura fiżika għall-wiri pubbliku;

   (e) ma jridx ikun fiha tuner biex turi s-sinjali tax-xandir.

(3) "monitor" jew "monitor tal-kompjuter" tfisser unità tal-wiri elettronika maħsuba għal persuna waħda biex taraha mill-viċin, ngħidu aħna fuq skrivanija;

(4) "televiżjoni" tfisser unità tal-wiri elettronika maħsuba primarjament biex turi u tirċievi sinjali awdjoviżivi, u li tkun tikkonsisti minn unità tal-wiri elettronika u minn tuner/riċevitur wieħed jew aktar;

(5) "tuner/riċevitur" tfisser ċirkwit elettroniku li jaqbad sinjal tax-xandir tat-televiżjoni, bħad-diġitali terrestri jew bis-satellita, iżda mhux unicast bl-internet, u jiffaċilita l-għażla ta' stazzjon tat-televiżjoni minn grupp ta' stazzjonijiet tan-netwerk.

([7]) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Pjan ta' Azzjoni ġdid dwar l-Ekonomija Ċirkolari għal Ewropa aktar nadifa u kompetittiva (COM(2020) 98 final).

Artikolu 3

Sabiex prodott jingħata l-Ekotikketta tal-UE skont ir-Regolament (KE) Nru 66/2010 għall-grupp ta' prodotti "unitajiet tal-wiri elettroniċi", dan għandu jaqa' taħt id-definizzjoni ta' dak il-grupp ta' prodotti kif speċifikat fl-Artikolu 1 ta' din id-Deċiżjoni u għandu jkun konformi mal-kriterji kif ukoll mar-rekwiżiti ta' valutazzjoni u ta' verifika relatati magħhom stabbiliti fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 4

Il-kriterji tal-Ekotikketta tal-UE għall-grupp ta' prodotti "unitajiet tal-wiri elettroniċi" u r-rekwiżiti ta' valutazzjoni u ta' verifika relatati magħhom għandhom jibqgħu validi sal-31 ta' Diċembru 2028.

Artikolu 5

Għal finijiet amministrattivi, in-numru tal-kodiċi assenjat lill-grupp ta' prodotti "unitajiet tal-wiri elettroniċi" għandu jkun "022".

Artikolu 6

Id-Deċiżjoni 2009/300/KE titħassar.

Artikolu 7

1. Minkejja l-Artikolu 6, l-applikazzjonijiet imressqa qabel id-data tal-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni għall-Ekotikketta tal-UE għall-grupp ta' prodotti "televiżjonijiet", kif definit fid-Deċiżjoni 2009/300/KE, għandhom jiġu evalwati f'konformità mal-kundizzjonijiet stipulati fid-Deċiżjoni 2009/300/KE.

2. L-applikazzjonijiet għall-Ekotikketta tal-UE għall-prodotti li jaqgħu fi ħdan il-grupp ta' prodotti "televiżjonijiet" imressqa fid-data tal-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni jew fi żmien xahrejn minn din id-data jistgħu jiġu bbażati jew fuq il-kriterji stabbiliti f'din id-Deċiżjoni, inkella fuq il-kriterji stabbiliti fid-Deċiżjoni 2009/300/KE. Dawk l-applikazzjonijiet għandhom jiġu evalwati f'konformità mal-kriterji li fuqhom jissejsu.

3. Il-liċenzji tal-Ekotikketta tal-UE li jingħataw abbażi ta' applikazzjoni evalwata f'konformità mal-kriterji stabbiliti fid-Deċiżjoni 2009/300/KE jistgħu jintużaw għal 12-il xahar mid-data tal-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 8

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, is-27 ta' Novembru 2020.

Għall-Kummissjoni
Virginijus SINKEVIČIUS
Membru tal-Kummissjoni

ANNESS

Kriterji tal-Ekotikketta tal-UE għall-għoti tal-Ekotikketta tal-UE għall-unitajiet tal-wiri elettroniċi

QAFAS

Għanijiet tal-kriterji

Il-kriterji tal-Ekotikketta tal-UE huma mmirati lejn l-aqwa unitajiet tal-wiri elettroniċi, f'termini ta' prestazzjoni ambjentali. Il-kriterji jiffukaw fuq l-impatti ambjentali ewlenin assoċjati maċ-ċiklu tal-ħajja ta' dawn il-prodotti u jippromwovu l-aspetti tal-ekonomija ċirkolari.

B'mod partikolari, il-kriterji għandhom l-għan li jippromwovu prodotti li huma effiċjenti fl-użu tal-enerġija, li jistgħu jissewwew, li jistgħu jiġu żarmati faċilment (sabiex jiġi ffaċilitat l-irkupru tar-riżorsi mir-riċiklaġġ fi tmiem il-ħajja utli tagħhom), li għandhom kontenut minimu riċiklat u li jista' jkun fihom biss ammont limitat ta' sustanzi perikoluż.

Għal dan l-għan, il-kriterji:

— jistabbilixxu rekwiżiti dwar il-konsum tal-enerġija li jitolbu l-aqwa klassijiet disponibbli tal-effiċjenza enerġetika u jistabbilixxu limiti dwar il-konsum massimu tal-enerġija fil-modalità mixgħul;

— jistabbilixxu rekwiżiti għall-ġestjoni tal-enerġija;

— jirrikonoxxu u jippremjaw il-prodotti b'użu ristrett ta' sustanzi perikoluż;

— jistabbilixxu rekwiżiti biex jiġi żgurat kontenut minimu ta' plastik riċiklat fil-fażi ta' wara l-konsumatur;

— jistabbilixxu rekwiżiti biex jiġi żgurat li l-prodott jista' jissewwa permezz ta' disinn xieraq tal-prodott, u d-disponibbiltà ta' manwal dwar it-tiswija, ta' informazzjoni dwar it-tiswija u ta' spare parts;

— jistabbilixxu rekwiżiti biex tiġi żgurata ġestjoni xierqa ta' tmiem il-ħajja tal-prodotti u jimponu l-obbligu li tiġi provduta informazzjoni biex tittejjeb ir-riċiklabbiltà, tiġi limitata l-għażla tal-materjali u jiġi promoss disinn faċli għaż-żarmar;

— jistabbilixxu rekwiżiti dwar ir-responsabbiltà soċjali korporattiva, jindirizzaw il-kundizzjonijiet tax-xogħol matul il-manifattura u l-akkwist tal-landa, tat-tantalju, tat-tungstenu u tad-deheb minn żoni affettwati minn kunflitti u b'riskju għoli.

L-importanza li l-unitajiet tal-wiri elettroniċi jintużaw u jintremew b'mod korrett biex iħallu inqas impatt tul iċ-ċiklu tal-ħajja tagħhom hija indirizzata wkoll bl-istabbiliment ta' rekwiżiti dwar l-istruzzjonijiet tal-utent u l-informazzjoni tal-konsumatur.

Il-kriterji għall-għoti tal-Ekotikketta tal-UE għall-"unitajiet tal-wiri elettroniċi" huma kif ġej:

1. Konsum tal-enerġija

1.1 Iffrankar tal-enerġija

1.2 Ġestjoni tal-enerġija

2. Sustanzi ristretti

2.1 Sustanzi eskluż jew limitati

2.2 Attivitajiet li jnaqqsu l-emissjonijiet ta' gassijiet fluworurati b'effett ta' serra (GHG) fil-katina tal-provvista

3. Possibbiltà ta' tiswija u garanzija kummerċjali

4. Ġestjoni ta' tmiem il-ħajja

4.1 Għażla tal-materjal u informazzjoni biex tittejjeb ir-riċiklabbiltà

4.2 Disinn għaż-żarmar u r-riċiklaġġ

5. Responsabbiltà soċjali korporattiva

5.1 Kundizzjonijiet tax-xogħol matul il-manifattura

5.2 Akkwist ta' "minerali mingħajr kunflitt"

6. Kriterji ta' informazzjoni

6.1 Informazzjoni għall-utenti

6.2 Informazzjoni li tidher fuq l-Ekotikketta

Valutazzjoni u verifika:*Ir-rekwiżiti speċifiċi ta' valutazzjoni u verifika huma indikati f'kull kriterju.*

Meta l-applikant ikun meħtieġ jipprovdi dikjarazzjonijiet, dokumentazzjoni, analiżijiet, rapporti tat-testijiet, jew evidenza oħra biex juri l-konformità mal-kriterji, dawn jistgħu joriġinaw mill-applikant u/jew mill-fornitur(i) tiegħu/tagħha u/jew mill-fornitur(i) tagħhom, eċċ., kif xieraq.

Il-korpi kompetenti għandhom jirrikonoxxu preferenzjalment l-attestazzjonijiet li jinħarġu mill-korpi akkreditati f'konformità mal-istandard armonizzat rilevanti għal-laboratorji tal-ittestjar u l-kalibrazzjoni u l-verifiki minn korpi li huma akkreditati f'konformità mal-istandard armonizzat rilevanti għall-korpi li jiċċertifikaw il-prodotti, il-proċessi u s-servizzi.

Fejn xieraq, jistgħu jintużaw metodi ta' ttestjar oħrajn minbarra dawk indikati għal kull kriterju, jekk il-korp kompetenti li jivvaluta l-applikazzjoni jaċċetta l-ekwivalenza tagħhom.

Fejn xieraq, il-korpi kompetenti jistgħu jeħtieġu dokumentazzjoni ta' appoġġ u jistgħu jwettqu verifiki indipendenti jew spezzjonijiet fuq il-post biex jivverifikaw il-konformità ma' dawn il-kriterji.

Bidliet fil-forniturі u fis-siti tal-produzzjoni li jappartjenu għall-prodotti li għalihom tkun ingħatat l-Ekotikketta tal-UE għandhom jiġu nnotifikati lill-korpi kompetenti, flimkien ma' informazzjoni ta' sostenn li tippermetti l-verifika tal-konformità kontinwa mal-kriterji.

Bħala prerekwiżit, l-unità tal-wiri elettronika għandha tissodisfa r-rekwiżiti legali applikabbli kollha tal-pajjiż jew tal-pajjiżi fejn il-prodott jitqiegħed fis-suq. L-applikant għandu jiddikjara l-konformità tal-prodott ma' dan ir-rekwiżit.

Għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(1) "Kontroll awtomatiku tal-luminożità" ("ABC", Automatic Brightness Control) tfisser il-mekkaniżmu awtomatiku li, meta jkun attivat, jikkontrolla l-luminożità tal-unità tal-wiri elettronika bħala funzjoni tal-livell tad-dawl ambjentali li jdawwal il-parti ta' quddiem tal-unità tal-wiri;

(2) "prestabbilit" li tirreferi għal konfigurazzjoni speċifika, tfisser il-valur ta' karatteristika speċifika kif ġiet ikkonfigurata fil-fabbrika u disponibbli meta l-klijent juża l-prodott għall-ewwel darba u wara li jagħmel azzjoni li treġġa' lura l-konfigurazzjonijiet tal-fabbrika, jekk il-prodott jippermetti dan;

(3) "faži taż-żarmar" tfisser operazzjoni li tispiċċa bit-tneħħija ta' part jew b'bidla ta' għodda;

(4) "fast start" jew "quick start" tfisser funzjoni mtejba ta' riattivazzjoni li kapaċi ttemm it-tranżizzjoni f'"modalità mixgħul" f'ħin iqsar minn dak tal-funzjoni normali ta' riattivazzjoni;

(5) "Medda Dinamika Qawwija (HDR, High Dynamic Range)" tfisser metodu biex jiżdied il-proporzjon ta' kuntrast tal-immaġini ta' unità tal-wiri elettronika billi tintuża metadata ġġenerata matul il-ħolqien tal-materjal tal-video u li ċ-ċirkwiti ta' ġestjoni tal-unità tal-wiri jinterpretaw biex jipproduċu proporzjon ta' kuntrast u apparenza tal-kulur ipperċepiti minn għajn il-bniedem aktar realistiku minn dak miksub minn viżwalizzazzjonijiet mhux kompatibbli mal-HDR;

(6) "LCD" tfisser display tal-kristalli likwidi;

(7) "luminanza" tfisser il-kejl fotometriku tal-intensità luminuża għal kull unità tal-erja tad-dawl li tivvjaġġa f'direzzjoni partikolari, espressa f'unitajiet ta' candelas għal kull metru kwadru (cd/m^2). Sikwit jintuża t-terminu luminożità biex tiġi kwalifikata b'mod suġġettiv il-luminanza ta' unità tal-wiri;

(8) "konfigurazzjoni normali" jew "konfigurazzjoni dar", "modalità standard", jew, għat-televiżjonijiet, "modalità dar" tfisser konfigurazzjoni tal-iskrin tal-wiri li hija rrakkomandata lill-utent aħħari mill-manifattur mill-menu inizjali tas-set-up jew mill-konfigurazzjoni tal-fabbrika li l-unità tal-wiri elettronika għandha għall-użu maħsub tal-prodott. Din trid tipprovdi l-aħjar kwalità għall-utent aħħari f'ambjent tipiku domestiku jew ta' uffiċċju. Il-konfigurazzjoni normali hija l-kundizzjoni li fiha jitkejlu l-valuri ddikjarati għall-modalità mitfi, standby, standby man-netwerk u fil-modalità mixgħul;

(9) "modalità mixgħul" jew "modalità attiv" tfisser kundizzjoni li fiha l-unità tal-wiri elettronika tkun imqabbda ma' sors tal-enerġija, tkun ġiet attivata, u tkun qed tipprovdi funzjoni tal-wiri waħda jew aktar tagħha;

(10) "għodod proprjetarji" huma għodod li mhumiex disponibbli għax-xiri mill-pubbliku ġenerali jew li għalihom, kwalunkwe privattiva applikabbli mhijiex disponibbli għal liċenzja skont termini ġusti, raġonevoli u mhux diskriminatorji;

(11) "riċiklabbiltà" tfisser il-kapaċità ta' prodott li jiġi riċiklat fi tmiem il-ħajja tiegħu, abbażi tal-prattiki attwali;

(12) "spare parts" huma l-komponenti jew l-assemblaġġi kollha li jistgħu potenzjalment ifallu u/jew li huma mistennija li jeħtieġu sostituzzjoni fil-ħajja tas-servizz tal-prodott. Parts oħrajn li għandhom ħajja li normalment taqbeż il-ħajja tipika tal-prodott mhumiex spare parts;

(13) "UHD" tfisser unità tal-wiri elettronika li tista' tirċievi sinjal tal-UHD kif definit fir-Rakkomandazzjoni tal-Unjoni Internazzjonali tat-Telekomunikazzjoni (ITU-R) BT.2020, u li turih fuq l-iskrin f'riżoluzzjonijiet ta' 3840 × 2160 (UHD-4K) u 7680 × 4320 (UHD-8K).

KRITERJI TAL-EKOTIKKETTA TAL-UE

Kriterju 1 — Konsum tal-enerġija

1.1 Iffrankar tal-enerġija

(a) L-unitajiet tal-wiri elettroniċi għandhom jissodisfaw l-ispeċifikazzjonijiet tal-Indiċi tal-Effiċjenza Enerġetika stabbiliti fl-Anness II tar-Regolament Delegat (UE) 2019/2013 għall-klassijiet tal-effiċjenza enerġetika speċifikati kif ġej jew, alternattivament għal klassi aktar effiċjenti fl-użu tal-enerġija.

Sal-31 ta' Marzu 2021:

(i) Il-klassi tal-effiċjenza enerġetika E (F għar-riżoluzzjonijiet tal-UHD u ogħla) għat-televiżjonijiet;

(ii) Il-klassi tal-effiċjenza enerġetika D (F għar-riżoluzzjonijiet tal-UHD u ogħla) għall-monitors;

(iii) Il-klassi tal-effiċjenza enerġetika F għall-unitajiet tal-wiri tas-sinjalar diġitali.

Wara l-31 ta' Marzu 2021:

Waħda miż-żewġ klassijiet tal-enerġija ewlenin li għandhom mudelli rreġistrati ([1]) taħt il-bażi tad-*data* tal-prodotti ([2]) skont l-Artikolu 12 tar-Regolament (UE) 2017/1369 ([3]) għal riżoluzzjoni speċifika u t-tip ta' wiri (televiżjonijiet, monitors jew wiri tas-sinjalar) fid-data tas-sottomissjoni tal-applikazzjoni tal-Ekotikketta tal-UE.

Nota: ladarba jingħata l-ekotikketta, l-applikant għandu jagħti prova tal-konformità ma' waħda miż-żewġ klassijiet tal-enerġija ewlenin li għandhom mudelli rreġistrati ([1]) mill-inqas kull sentejn matul il-perjodu ta' validità tal-liċenzja tiegħu.

(b) Id-domanda massima għall-enerġija fil-modalità mixgħul f'konfigurazzjoni normali għandha tkun ≤ 64 W (125W għall-unitajiet tal-wiri tas-sinjalar diġitali, għal riżoluzzjonijiet tal-UHD u ogħla).

***Valutazzjoni u verifika**: Għar-rekwiżit (a), l-applikant għandu jissottometti rapport tat-test għall-unità tal-wiri elettronika mwettaq f'konformità mal-metodi tal-kejl indikati fl-Anness IV tar-Regolament Delegat (UE) 2019/2013. Barra minn hekk, għandha tiġi pprovduta evidenza tal-klassijiet ewlenin fuq il-bażi tad-data EPREL (b'mudelli disponibbli għar-riżoluzzjoni u t-tip ta' mudell ta' wiri li jridu jingħataw ekotikketta) fid-data tal-applikazzjoni u mill-inqas kull sentejn matul il-perjodu ta' validità tal-liċenzja tagħha. Għar-rekwiżit (b), l-applikant għandu jissottometti rapport tat-test għall-unità tal-wiri elettronika mwettaq f'konformità mal-metodi tal-kejl u l-kundizzjonijiet indikati fil-punti 1 u 2 tal-Anness III tar-Regolament (UE) 2019/2021.*

Nota: Għall-unitajiet tal-wiri li jkollhom il-karatteristika HDR, il-kejl tal-konsum tal-enerġija fil-modalità mixgħul sabiex jiġu ssodisfati r-rekwiżiti (a) u (b) għandu jsir fil-konfigurazzjoni normali, f'medda dinamika standard (SDR).

1.2 Ġestjoni tal-enerġija

(a) Kontroll Manwali tal-Luminożità: l-unità tal-wiri elettronika għandha tippermetti lill-utent sabiex jaġġusta manwalment l-intensità tar-retroilluminazzjoni;

(b) Kontroll awtomatiku tal-luminożità (ABC, Automatic Brightness Control): l-unitajiet tal-wiri elettroniċi bil-kontroll awtomatiku tal-luminożità (ABC) għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti biex jikkwalifikaw għal tnaqqis ta' 10 % f'P_{mkejla} deskritt fl-Anness II tar-Regolament (UE) 2019/2021 (il-Punt 1 tat-Taqsima B);

(c) Funzjonalità quick start: wara li tiġi attivata l-funzjonalità quick start (jekk l-apparat ikollu din il-karatteristika), l-apparat jaqleb awtomatikament lura għall-modalità standby jew għall-modalità mitfi bħala konfigurazzjoni prestabbilita mhux aktar tard minn sagħtejn wara l-aħħar attività tal-utent.

***Valutazzjoni u verifika**: L-applikant għandu jipprovdi dikjarazzjoni li tiċċertifika li l-apparat intbagħat bil-konfigurazzjonijiet tal-ġestjoni tal-enerġija msemmija hawn fuq.*

([1]) Iż-żewġ klassijiet tal-enerġija ewlenin iridu jiġbru mill-inqas 25 mudell irreġistrat li jridu jiġu kkunsidrati għal riżoluzzjoni u tip ta' wiri speċifiċi (televiżjonijiet, monitors u wiri tas-sinjalar). Fil-każ li ma jintlaħaqx il-minimu ta' 25 mudell irreġistrat għal ċertu riżoluzzjoni u tip ta' wiri, iż-żewġ klassijiet tal-enerġija ewlenin li għandhom mudelli rreġistrati (indipendentement mill-għadd ta' mudelli rreġistrati) japplikaw għal din ir-riżoluzzjoni u t-tip ta' wiri speċifiċi.

([2]) https://ec.europa.eu/info/energy-climate-change-environment/standards-tools-and-labels/products-labelling-rules-and-requirements/energy-label-and-ecodesign/product-database_en

([3]) Ir-Regolament (UE) 2017/1369 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2017 li jistabbilixxi qafas għat-tikkettar tal-enerġija u li jħassar id-Direttiva 2010/30/UE (ĠU L 198, 28.07.2017, p. 1)

Għar-rekwiżit (b) l-applikant għandu jissottometti rapport tat-test għall-unità tal-wiri elettronika li juri li l-kundizzjonijiet deskritti ġew issodisfati. Il-kejl rilevanti għandu jitwettaq f'konformità mal-Anness III tar-Regolament (UE) 2019/2021.

Għar-rekwiżit (c), l-applikant għandu jippreżenta l-paġni rilevanti tad-dokumentazzjoni tal-prodott.

Kriterju 2 — Sustanzi ristretti

2.1 **Sustanzi eskluži jew limitati**

Il-preżenza fil-prodott, jew fis-subassemblaġġi u fil-parts komponenti definiti, ta' sustanzi li huma identifikati f'konformità mal-Artikolu 59 tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]) jew sustanzi u taħlitiet li jissodisfaw il-kriterji għall-klassifikazzjoni f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([5])għall-klassijiet tal-periklu, il-kategoriji tal-periklu u l-kodiċijiet tad-dikjarazzjonijiet tal-periklu assoċjati elenkati fit-Tabella 1 għandhom jiġu ristretti f'konformità mas-subkriterju 2.1. (a) u (c). Għall-finijiet ta' dan il-kriterju, il-Lista ta' Kandidati għal Sustanzi ta' Tħassib Serju Ħafna (SVHCs) u l-klassijiet tal-periklu, il-kategoriji tal-periklu u l-kodiċijiet tad-dikjarazzjonijiet tal-periklu assoċjati huma miġbura fit-Tabella 1. Is-subkriterju 2.1. (b) jillimita l-preżenza ta' sustanzi speċifiċi.

Tabella 1

Ir-ragruppament tal-lista ta' kandidati għal SVHCs u l-klassijiet tal-periklu, il-kategoriji tal-periklu u l-kodiċijiet tad-dikjarazzjonijiet tal-periklu assoċjati

Perikli tal-Grupp 1
— Sustanzi li jidhru fuq il-Lista ta' Kandidati għal Sustanzi ta' Tħassib Serju Ħafna (SVHCs) — Sustanzi Karċinoġeniċi, Mutaġeniċi u/jew Tossiċi għar-Riproduzzjoni (CMR) CMR tal-Kategorija 1A jew 1B: H340, H350, H350i, H360, H360F, H360D, H360FD, H360Fd, H360Df
Perikli tal-Grupp 2
— CMR tal-Kategorija 2: H341, H351, H361f, H361d, H361fd , H362 — Tossiċità akkwatika tal-Kategorija 1: H400, H410 — Tossiċità akuta tal-Kategoriji 1 u 2: H300, H310, H330 — Tossiċità mill-aspirazzjoni tal-Kategorija 1: H304 — Tossiċità speċifika għall-organi fil-mira (STOT) tal-Kategorija 1: H370, H372
Perikli tal-Grupp 3
— Tossiċità akkwatika tal-Kategoriji 2, 3 u 4: H411, H412, H413 — Tossiċità akuta tal-Kategorija 3: H301, H311, H331, EUH070 — STOT tal-Kategorija 2: H371, H373

2.1(a) *Restrizzjonijiet fuq is-Sustanzi ta' Tħassib Serju Ħafna (SVHCs)*

Is-sustanzi li jissodisfaw il-kriterji msemmija fl-Artikolu 57 tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 li ġew identifikati f'konformità mal-proċedura deskritta fl-Artikolu 59 ta' dak ir-Regolament u inklużi fil-lista ta' kandidati ta' sustanzi ta' tħassib serju ħafna għall-awtorizzazzjoni ma għandhomx jiżdiedu intenzjonalment mal-prodott f'konċentrazzjonijiet ogħla minn 0,10 % (piż skont il-piż). L-istess restrizzjoni għandha tapplika għas-subassemblaġġi li jiffurmaw parti mill-prodott li huma elenkati fit-Tabella 2. Ma għandha tingħata l-ebda deroga minn dan ir-rekwiżit.

([4]) Ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar ir-reġistrazzjoni, il-valutazzjoni, l-awtorizzazzjoni u r-restrizzjoni ta' sustanzi kimiċi (REACH), li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, li jemenda d-Direttiva 1999/45/KE u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 793/93 tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 1488/94 tal-Kummissjoni kif ukoll id-Direttiva 76/769/KEE tal-Kunsill u d-Direttivi 91/155/KEE, 93/67/KEE, 93/105/KE u 2000/21/KE tal-Kummissjoni (ĠU L 396, 30.12.2006, p. 1).

([5]) Ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar il-klassifikazzjoni, l-ittikkettar u l-imballaġġ tas-sustanzi u t-taħlitiet, li jemenda u jħassar id-Direttivi 67/548/KEE u 1999/45/KE, u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1907/2006 (ĠU L 353, 31.12.2008, p. 1).

Tabella 2

Is-subassemblaġġ u l-parts komponenti li għalihom għandu japplika l-Kriterju 2.1(a)

Bords ta' Ċirkwiti Stampati (Bords ta' Wiring Stampati, motherboards sħaħ, bords tal-enerġija (unitajiet tal-provvista tal-enerġija) u bords tal-moduli) >10 cm^2
Wiring/kejbils elettriċi (aggregati)
Kejbils esterni (Kejbil tal-enerġija (Wajers tal-elettriku AC u DC), kejbil tal-modem u kejbil tal-LAN jekk applikabbli, kejbil HDMI u kejbil RCA)
Housing estern (Qoxra ta' wara, qoxra ta' quddiem (dekorazzjoni tal-gwarniċ) u stands)
Housing estern tar-remote control
Retroilluminazzjoni LED (arranġamenti bil-LED)

Fil-komunikazzjoni ta' dan ir-rekwiżit lill-forniturituri tas-subassemblaġġi/parts komponenti elenkati, l-applikanti jistgħu jagħmlu skrinjar minn qabel tal-Lista ta' Kandidati ta' REACH billi jużaw il-lista tas-sustanzi dikjarabbli tal-IEC 62474 . ([6]) L-iskrinjar għandu jkun ibbażat fuq l-identifikazzjoni tal-potenzjal għall-preżenza ta' sustanzi fil-prodott.

Valutazzjoni u verifika: *L-applikant għandu jiġbor id-dikjarazzjonijiet tan-nuqqas ta' preżenza tal-SVHCs fil-limitu ta' konċentrazzjoni speċifikat jew ogħla għall-prodott u s-subassemblaġġi identifikati fit-Tabella 2. Id-dikjarazzjonijiet għandu jkollhom referenza għall-aħħar verżjoni tal-Lista ta' Kandidati li ppubblikat l-ECHA ([7])fid-data tas-sottomissjoni tal-applikazzjoni tal-Ekotikketta tal-UE. Fejn id-dikjarazzjonijiet isiru abbażi ta' skrinjar minn qabel tal-lista ta' kandidati bl-użu tal-IEC 62474, l-applikant għandu jipprovdi wkoll il-lista skrinjata mogħtija lill-forniturituri tas-subassemblaġġ. Il-verżjoni tal-lista tas-sustanzi dikjarabbli IEC 62474 użata għandha tirrifletti l-aħħar verżjoni tal-lista tal-kandidati.*

Id-dikjarazzjonijiet jistgħu jiġu pprovduti wkoll direttament lill-korpi kompetenti minn kwalunkwe fornitur fil-katina tal-provvista tal-applikant.

2.1(b) *Restrizzjonijiet fuq il-preżenza ta' sustanzi speċifiċi*

Is-sustanzi perikolużi speċifikati fit-Tabella 3 ma għandhomx jiżdiedu jew jiġu ffurmati intenzjonalment fis-subassemblaġġi u fil-parts komponenti speċifikati fil-limiti ta' konċentrazzjoni stipulati jew f'konċentrazzjonijiet ogħla.

Tabella 3

Restrizzjonijiet fuq is-sustanzi li għandhom japplikaw għas-subassemblaġġi u għall-parts komponenti

Grupp ta' sustanzi	L-ambitu tar-restrizzjoni (sustanzi u subassemblaġġi/parts komponenti)	Limiti ta' konċentrazzjoni (fejn applikabbli)
(i) Saldatura u kuntatti tal-metall	L-eżenzjoni 8b f'konformità mad-Direttiva 2011/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]) relatata mal-użu tal-*kadmju f'kuntatti elettriċi* ma għandhiex tkun permessa.	0,01 % w/w *Metodu ta' ttestjar:* IEC 62321-5
(ii) Stabbilizzaturi, koloranti u kontaminanti tal-polimeri	Il-komposti tal-istabbilizzatur tal-organotin li ġejjin, ikklassifikati taħt il-perikli tal-Grupp 1 u 2, ma għandhomx ikunu preżenti fil-*kejbils esterni*: Ossidu tad-dibutiltin Diaċetat tad-dibutiltin Dilawrat tad-dibutiltin Maletat tad-dibutiltin Ossidu tad-dioktiltin Dilawrat tad-dioktiltin	mhux applikabbli

([6]) Il-Kummissjoni Elettroteknika Internazzjonali (IEC), IEC 62474: "Material declaration for products of and for the electrotechnical industry, http://std.iec.ch/iec62474

([7]) ECHA, Candidate List of substances of very high concern for Authorisation, http://www.echa.europa.eu/candidate-list-table

	Il-housing estern tal-unità tal-wiri ma għandux ikun fih il-koloranti li ġejjin: Iż-żebgħat użu li jistgħu jinferqu fl-ammini aril karċinoġeniċi elenkati fl-Appendiċi 8 tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006, u/jew il-komposti koloranti inklużi fil-lista tas-sustanzi dikjarabbli IEC 62474.	mhux applikabbli
	L-Idrokarburi Aromatiċi Poliċikliċi (PAHs) ikklassifikati taħt il-perikli tal-Gruppi 1 u 2 ma għandhomx ikunu preżenti f'konċentrazzjonijiet daqs jew aktar mil-limiti individwali tal-konċentrazzjoni u mill-għadd totali tal-limiti tal-konċentrazzjoni f'kull faċċata esterna tal-uċuħ tal-plastik jew tal-lastiku magħmulin mill-bniedem ta': *Kejbils esterni* *Housing estern tar-remote control* *Parts tal-lastiku tar-remote control* Il-preżenza u l-konċentrazzjoni tal-PAHs li ġejjin għandhom jiġu vverifikati: *Il-PAHs ristretti mir-Regolament (KE) Nru 1907/2006:* Benżo[a]piren Benżo[e]piren Benżo[a]antraċen Krisen Benżo[b]fluworanten Benżo[j]fluworanten Benżo[k]fluworanten Dibenżo[a,h]antraċen PAHs addizzjonali soġġetti għal restrizzjoni: Aċenaften Aċenaftilen Antraċen Benżo[ghi]perilen Fluworanten Fluworen Indeno[1,2,3-cd]piren Naftalen Fenantren Piren	Il-limiti ta' konċentrazzjoni individwali għall-PAHs ristretti skont ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 għandhom ikunu ta' 1 mg/kg Il-limitu totali tal-konċentrazzjoni għat-18-il PAHs elenkati ma għandux ikun akbar minn 10 mg/kg *Metodu ta' ttestjar*: AfPS GS 2014:01 PAK.
(iii) Prodotti bijoċidali	Il-prodotti bijoċidali maħsuba biex jipprovdu funzjoni antibatterika ma għandhomx jiġu inkorporati fil-*Housing estern u fil-parts tal-lastiku tar-remote control.*	mhux applikabbli
(iv) Merkurju fir-retroilluminazzjoni	L-eżenzjoni 3 f'konformità mad-Direttiva 2011/65/UE relatata mal-użu tal-merkurju fil-*bozoz fluworexxenti bil-katodu kiesaħ u fil-bozoz fluworexxenti bl-elettrodi esterni (CCFL u EEFL)* ma għandhiex tkun permessa.	mhux applikabbli
(v) Aġenti li jirfinaw il-ħġieġ	L-arseniku u l-komposti tiegħu ma għandhomx jintużaw fil-manifattura tal-ħġieġ tal-unità tal-wiri LCD u tal-ħġieġ li jgħatti l-iskrin.	0,0050 % w/w

(vi) Plastik ibbażat fuq il-kloru	Il-parts tal-plastik >25g ma għandux ikun fihom polimeri klorinati. Nota: Għal dan is-subrekwiżit speċifiku, il-housing tal-kejbils tal-plastik mhuwiex ikkunsidrat bħala "part tal-plastik".	mhux applikabbli
(vii) Ftalati	Il-ftalat tad-diisononil (DINP), il-ftalat tad-diisodeċil (DIDP) ma għandhomx jintużaw fil-kejbils tal-elettriku esterni.	mhux applikabbli

([1]) Id-Direttiva 2011/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2011 dwar ir-restrizzjoni tal-użu ta' ċerti sustanzi perikoluży fit-tagħmir elettriku u elettroniku (ĠU L 174, 1.7.2011, p. 88).

Valutazzjoni u verifika: *L-applikant għandu jipprovdi dikjarazzjonijiet tal-konformità u rapporti ta' testijiet f'konformità mar-rekwiżiti fit-Tabella 3. Ir-rapporti tat-testijiet, fejn meħtieġ, għandhom ikunu validi fiż-żmien tal-applikazzjoni għall-mudell tal-produzzjoni rilevanti u għall-forniturі assoċjati kollha. Fejn is-subassemblaġġi jew il-parts komponenti bl-istess speċifikazzjonijiet tekniċi joriġinaw minn għadd ta' forniturі differenti, għandhom jitwettqu testijiet fejn applikabbli fuq parts minn kull fornitur. Id-dikjarazzjonijiet/ir-rapporti tat-testijiet jistgħu jiġu pprovduti wkoll direttament lill-korpi kompetenti minn kwalunkwe fornitur fil-katina tal-provvista tal-applikant.*

2.1(c) *Restrizzjonijiet fuq sustanzi kklassifikati skont ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008*

Ir-ritardanti tal-fjammi u l-plastifikanti li huma assenjati kwalunkwe waħda mill-klassijiet tal-periklu, il-kategoriji tal-periklu u l-kodiċijiet tad-dikjarazzjonijiet tal-periklu assoċjati elenkati fit-Tabella 1; f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1272/2008 ma għandhomx jiżdiedu intenzjonalment mas-subassemblaġġi u mal-parts komponenti definiti fit-Tabella 4 fil-limitu ta' konċentrazzjoni ta' 0,10 % jew ogħla (piż skont il-piż).

Tabella 4

Subassemblaġġi u parts komponenti li għalihom għandu japplika l-Kriterju 2.1(c)

Parts li fihom ritardanti tal-fjammi
— Bords ta' Ċirkwiti Stampati — Kejbils esterni — Housing estern tal-unità tal-wiri
Parts li fihom il-plastifikanti
— Kejbils esterni — Wiring elettriku intern — Housing estern tal-unità tal-wiri

Derogi għall-użu ta' ritardanti tal-fjammi u plastifikanti perikoluży

L-użu ta' ritardanti tal-fjammi u plastifikanti li jissodisfaw il-kriterji għall-klassifikazzjoni fi kwalunkwe klassi tal-periklu, kategorija tal-periklu u kodiċi tad-dikjarazzjonijiet tal-periklu assoċjat elenkati fit-Tabella 1 huwa derogat mir-rekwiżiti tal-Kriterju 2.1(c) diment li jissodisfaw il-kundizzjonijiet speċifikati fit-Tabella 5.

Tabella 5

Derogi għar-restrizzjonijiet fuq sustanzi kklassifikati skont ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008u l-kundizzjonijiet applikabbli

Tip ta' sustanza/taħlita	Applikabbiltà	Il-klassi tal-periklu, il-kategorija tal-periklu u l-kodiċi tad-dikjarazzjonijiet tal-periklu derogati u l-kundizzjonijiet għad-deroga
Ritardanti tal-fjammi	Bords ta' Ċirkwiti Stampati	Ir-ritardanti tal-fjammi kklassifikati taħt il-perikli tal-Grupp 3 u t-TBBPA (ikklassifikati mal-Grupp 2) huma derogati għall-użu.
	Kejbils esterni	Ir-ritardant tal-fjammi u s-sinerġista tiegħu kklassifikat taħt il-periklu tal-Grupp 3 u t-triossidu tal-antimonju (Sb_2O_3) ikklassifikat taħt il-perikli tal-Grupp 2 huma derogati għall-użu.

	Housing estern tal-unità tal-wiri	Ir-ritardanti tal-fjammi u s-sinerġisti tagħhom ikklassifikati taħt il-perikli ta' Grupp 2 u 3 huma derogati għall-użu.
Plastifikanti	Kejbils esterni, wiring elettriku intern u housing estern tal-unità tal-wiri	Il-plastifikanti kklassifikati taħt il-perikli tal-Grupp 3 huma derogati għall-użu.

Valutazzjoni u verifika:*L-applikant għandu jipprovdi dikjarazzjoni ta' konformità mal-Kriterju 2.1(c). Id-dikjarazzjoni għandha tkun appoġġata mil-lista tar-ritardanti tal-fjammi, tal-plastifikanti u tal-addittivi tal-metall u tal-kisjiet użati fis-subassemblaġġi u l-parts komponenti elenkati fit-Tabella 4 flimkien mal-SDS li jappoġġjaw il-klassifikazzjoni tal-periklu jew in-nuqqas ta' klassifikazzjoni tagħhom.*

Għas-sustanzi derogati u t-taħlitiet elenkati fit-Tabella 5, l-applikant għandu jipprovdi prova li l-kundizzjonijiet kollha tad-deroga huma ssodisfati. Meta jkunu meħtieġa rapporti tat-testijiet, dawn għandhom ikunu validi fiż-żmien tal-applikazzjoni għal mudell ta' produzzjoni.

Id-dikjarazzjonijiet/ir-rapporti tat-testijiet jistgħu jiġu pprovduti wkoll direttament lill-korpi kompetenti minn kwalunkwe fornitur fil-katina tal-provvista tal-applikant.

2.2 **Attivitajiet li jnaqqsu l-emissjonijiet ta' gassijiet fluworurati b'effett ta' serra (GHG) fil-katina tal-provvista**

L-applikant għandu jiġbor l-informazzjoni li ġejja mingħand il-fornituri tal-unitajiet tal-wiri LCD tagħhom li permezz tagħha għandhom juru l-attivitajiet tagħhom li jnaqqsu l-emissjonijiet ta' GHG mill-proċess ta' produzzjoni, inkluża l-prestazzjoni tas-sistemi ta' tnaqqis li jkunu installaw:

(a) L-ispeċifikazzjoni ta' liema mill-gassijiet b'effett ta' serra fluworinati (F-GHGs) ikunu qegħdin jintużaw u liema qegħdin jitnaqqsu;

(b) L-intensità annwali tal-emissjonijiet ta' F-GHGs (f'kg CO_2eq għal kull m^2 ta' unitajiet tal-wiri b'pannelli ċatti (arranġament bil-ħġieġ) prodotti) fis-siti kollha tal-manifattura għall-aktar sena reċenti;

(c) Indikazzjoni tal-qerda jew tal-effiċjenzi tat-tneħħija (DREs) ta' sistemi ta' tnaqqis installati għal kull wieħed mill-F-GHGs li jintużaw.

Valutazzjoni u verifika:*L-applikant għandu jipprovdi d-dokumentazzjoni ta' appoġġ li jkun fiha l-informazzjoni ta' hawn fuq mingħand il-fornituri tal-unità tal-wiri tagħhom lill-korp kompetenti. Id-dokumentazzjoni tista' tiġi pprovduta wkoll direttament lill-korpi kompetenti minn kwalunkwe fornitur fil-katina tal-provvista tal-applikant.*

Kriterju 3—Possibbiltà ta' tiswija u garanzija kummerċjali

(a) Disinn għat-tiswija:

(i) l-ispare parts li ġejjin tal-unitajiet tal-wiri elettroniċi għandhom ikunu aċċessibbli u sostitwibbli bl-użu ta' għodod disponibbli kummerċjalment (jiġifieri l-għodod kollha ħlief għodod proprjetarji, eż. tornaviti, spatula, plajers, jew pinzetti):

— assemblaġġ tal-iskrin u r-retroilluminazzjoni LED;

— stands, u

— bords ta' ċirkwit tal-enerġija u tal-kontroll.

(ii) l-adeżivi li jridu jitneħħew bis-sħana jew bis-sustanzi kimiċi ma għandhomx jintużaw biex titwaħħal il-qoxra ta' wara tal-unità tal-wiri elettronika;

(iii) il-parts tal-casing huma ħielsa minn assemblaġġi elettroniċi li ma jistgħux jitneħħew bl-użu ta' għodod disponibbli kummerċjalment.

(b) Manwal tat-tiswija: l-applikant għandu jipprovdi struzzjonijiet ċari dwar iż-żarmar u t-tiswija (eż., kopja stampata jew elettronika, video) u jagħmilhom disponibbli pubblikament mingħajr ebda kost addizzjonali, biex ikun jista' jkun hemm żarmar mhux distruttiv ta' prodotti bl-għan li jiġu sostitwiti komponenti jew parts ewlenin għal aġġornamenti jew tiswijiet;

(c) Servizz ta' tiswija / Informazzjoni: l-informazzjoni għandha tiġi inkluża fl-istruzzjonijiet għall-utent jew fis-sit web tal-manifattur biex l-utent ikun jaf fejn għandu jmur biex jikseb tiswijiet u servisjar professjonali tal-unità tal-wiri elettronika, inklużi d-dettalji ta' kuntatt kif xieraq u l-prezz rakkomandat tal-ispare parts mill-manifattur. Matul il-perjodu ta' garanzija msemmi f'(e) dan jista' jkun limitat għall-forniturі ta' servizzi awtorizzati tal-applikant;

(d) Disponibbiltà tal-ispare parts: l-applikant għandu jiżgura li l-ispare parts oriġinali jew kompatibbli b'mod retroattiv (dawk imsemmija f'(a) (i) u dawk inklużi fl-Anness II (D. Rekwiżiti tal-effiċjenza tal-materjali. Il-Punt 5 (a) Disponibbiltà tal-partijiet ta' rikambju) tar-Regolament (UE) 2019/2021, bħala minimu) ikunu disponibbli għall-pubbliku għal mill-inqas tmien snin wara t-tmiem tal-produzzjoni tal-mudell;

(e) Garanzija kummerċjali: mingħajr preġudizzju għall-obbligi legali tal-bejjiegħ skont il-liġi nazzjonali dwar il-garanziji legali u kummerċjali, l-applikant ma għandu jipprovdi bl-ebda kost addizzjonali garanzija kummerċjali minima ta' tliet snin matul liema żmien għandu jiżgura li l-prodotti jkunu konformi mal-kuntratt tal-bejgħ. Din il-garanzija għandha tinkludi ftehim ta' servizz bi ġbir u radd lura għal każijiet fejn it-tiswija ma tkunx saret fuq il-post;

(f) L-informazzjoni dwar it-tiswija, l-ispare parts u l-garanzija kummerċjali għandha tiġi pprovduta f'formati aċċessibbli għall-persuni b'diżabbiltà meta tintalab, f'konformità mar-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà fid-Direttiva (UE) 2019/882.

Valutazzjoni u verifika: *L-applikant għandu jiddikjara l-konformità tal-prodott ma' dawn ir-rekwiżiti lill-korp kompetenti. Barra minn hekk, l-applikant għandu jipprovdi:*

(a) *Dijagramma kompożita li turi kif il-parts tal-casing, ix-xażi u l-assemblaġġi elettriċi/elettroniċi jiġu mmuntati fil-prodott;*

(b) *Kopja tal-garanzija kummerċjali;*

(c) *Kopja tal-manwal tat-tiswija;*

(d) *Kopja tal-istruzzjonijiet għall-utent;*

(e) *Lista pubblika ta' negozjanti awtorizzati tal-ispare parts.*

Kriterju 4— Ġestjoni ta' tmiem il-ħajja

4.1 **Għażla tal-materjal u informazzjoni biex tittejjeb ir-riċiklabbiltà**

(a) *Riċiklabbiltà tal-plastik:*

(i) Il-parts b'piż ta' aktar minn 25 gramma għandhom jikkonsistu f'polimeru wieħed jew f'taħlita jew liga ta' polimeri li huma riċiklabbli;

(ii) Il-preżenza ta' żebgħat u kisjiet ma għandux ikollha impatt sinifikanti fuq ir-reżistenza tal-plastik riċiklat prodott minn dawn il-komponenti mar-riċiklaġġ u meta ttestjat f'konformità mal-ISO 180 [1] jew l-ekwivalenti;

(iii) Il-kaxxi tal-plastik ma għandux ikun fihom metall inkorporat jew inkullat sakemm il-komponenti tal-metall ma jkunux jistgħu jitneħħew b'għodod disponibbli kummerċjalment;

(iv) Il-casings, il-kaxxi u l-gwarniċi li jinkorporaw ritardanti tal-fjammi għandhom ikunu riċiklabbli.

Nota [1]:: Għall-finijiet ta' dan il-kriterju, impatt sinifikanti huwa definit bħala tnaqqis ta' > 25 % fl-impatt ta' Iżod imtaqqab ta' raża riċiklata kif imkejla bl-użu tal-ISO 180.

(b) Informazzjoni biex jiġi ffaċilitat ir-riċiklaġġ:

1. Il-parts tal-plastik b'massa ta' aktar minn 25 gramma għandhom jiġu mmarkati f'konformità mal-ISO 11469 u l-ISO 1043, it-Taqsimiet 1 u 4. Għall-parts tal-plastik > 100 gramma, il-marki għandhom ikunu kbar biżżejjed u jkunu f'pożizzjoni viżibbli sabiex ikunu jistgħu jiġu identifikati faċilment.

   L-eżenzjonijiet speċifikati fl-Anness II tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2019/2021 (it-punt 2 tat-Taqsima D) japplikaw għal dan ir-rekwiżit.

2. L-applikant għandu jqiegħed għad-dispożizzjoni tal-operaturi professjonisti tas-settur tal-iskart, f'sit web u mingħajr ħlas, informazzjoni rilevanti għaż-żarmar u l-irkupru. Dan għandu jinkludi mill-inqas: (a) dijagramma tal-prodott li turi l-post fejn jinsabu l-komponenti tal-plastik li fihom ir-ritardanti tal-fjammi; (b) il-post tal-komponenti li fihom is-sustanzi tossiċi jew ekotossiċi.

(c) *Kontenut irriċiklat:*

Il-prodott għandu jkun fih bħala medja minimu ta' 10 % ta' plastik riċiklat fil-fażi ta' wara l-konsumatur, imkejjel bħala perċentwal tal-plastik totali (skont il-piż) fil-prodott li jeskludi l-Bords ta' Wiring Stampati. Fejn il-kontenut riċiklat ikun ogħla minn 25 %, fil-kaxxa tat-test li takkumpanja l-Ekotikketta tista' ssir dikjarazzjoni (ara l-Kriterju 6.2). Il-prodotti b'casing tal-metall huma eżentati minn dan is-subkriterju.

Valutazzjoni u verifika*: L-applikant għandu jipprovdi dijagramma kompożita tal-unità tal-wiri elettronika f'format bil-miktub jew awdjo-viżiv. Din għandha tidentifika l-parts tal-plastik akbar minn 25 gramma skont il-piż tagħhom, il-kompożizzjoni tal-polimeri tagħhom, u l-marki tagħhom tal-ISO 11469 u 1043. Id-dimensjonijiet u l-pożizzjonijiet tal-immarkar għandhom jintwerew u, fejn japplikaw l-eżenzjonijiet, għandhom jingħataw ġustifikazzjonijiet tekniċi.*

L-applikant għandu jipprovdi l-informazzjoni rilevanti għaż-żarmar u l-irkupru disponibbli għall-operaturi professjonisti u s-sit web fejn tinsab.

L-applikant għandu jivverifika r-riċiklabbiltà billi jipprovdi evidenza li l-plastik, kemm individwalment kif ukoll ikkombinat, ma għandux impatt fuq il-karatteristiki tekniċi tal-plastik riċiklati li jirriżulta b'tali mod li ma jistax jerġa' jintuża fi prodotti elettroniċi. Dan jista' jinkludi:

— *Dikjarazzjoni minn riċiklatur tal-plastik bl-esperjenza jew operatur ta' trattament awtorizzat f'konformità mal-Artikolu 23 tad-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill* ([8]);

— *Ir-riżultati tat-testijiet minn laboratorju indipendenti jew minn riċiklatur tal-plastik bl-esperjenza;*

— *Il-letteratura teknika rieżaminata bejn il-pari u l-industrija applikabbli għall-Ewropa.*

L-applikant għandu jipprovdi verifika minn parti terza u traċċabilità għall-kontenut riċiklat wara l-konsum. Jista' jintuża ċertifikat tar-riċiklaturi skont l-iskema ta' ċertifikazzjoni EuCertPlast jew ekwivalenti biex jappoġġa l-verifika.

4.2 **Disinn għaż-żarmar u r-riċiklaġġ**

(a) Għall-parts fil-mira li ġejjin, kif rilevanti għall-prodott, għandu jsir żarmar manwali minn persuna waħda (jiġifieri mhux aktar minn konnessjoni snap-on waħda għandha tinħall fl-istess ħin) bl-użu ta' għodod disponibbli kummerċjalment użati b'mod wiesa' (jiġifieri tnalji, tornaviti, cutters u mrietel kif definit fl-ISO 5742, ISO 1174, ISO 15601):

(i) Bords ta' Wiring Stampati >10 cm^2;

(ii) Unità tat-Tranżistur b'Film Irqiq (TFT) >100 cm^2 u l-kondutturi tar-rita;

(iii) Gwida luminuża tal-polimetilmetakrilat (PMMA).

(b) Mill-inqas *wieħed* mill-komponenti fakultattivi li ġejjin (jekk applikabbli) għandu jkun possibbli wkoll li jiġi żarmat manwalment bl-użu ta' għodod komuni disponibbli kummerċjalment:

(i) Unitajiet tar-retroilluminazzjoni LED;

(ii) Kalamiti tal-unità tal-ispeaker (għal daqsijiet tal-iskrin ta' 25 pulzier jew aktar);

(iii) Diski HDD (jekk applikabbli fil-każ ta' apparati intelliġenti).

Valutazzjoni u verifika:*L-applikant għandu jipprovdi:*

Rapport tat-test li jagħti dettalji dwar is-sekwenza taż-żarmar, inkluż deskrizzjoni dettaljata tal-passi, l-għodod u l-proċeduri speċifiċi taż-żarmar, għall-komponenti elenkati f'(a) u għall-komponenti fakultattivi magħżula minn (b).

Kriterju 5 — Responsabbiltà soċjali korporattiva

5.1 **Kundizzjonijiet tax-xogħol matul il-manifattura**

Wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Tripartitika dwar il-Prinċipji li Jikkonċernaw l-Intrapriżi Multinazzjonali u l-Politika Soċjali tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO), il-Patt Globali tan-NU (il-Pilastru 2), il-Prinċipji Gwida tan-NU dwar in-Negozju u d-Drittijiet tal-Bniedem u l-Linji Gwida tal-OECD għall-Intrapriżi Multinazzjonali, l-applikant għandu jikseb verifika minn parti terza appoġġata minn awditi fuq il-post li l-prinċipji applikabbli inklużi fil-konvenzjonijiet fundamentali tal-ILO u d-dispożizzjonijiet supplimentari ta' hawn taħt identifikati ġew rispettati fl-impjant(i) tal-immuntar finali għall-prodott.

([8]) Id-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar l-iskart u li tħassar ċerti Direttivi (ĠU L 312, 22.11.2008, p. 3).

Konvenzjonijiet fundamentali tal-ILO:

a) It-Tħaddim tat-Tfal:

   i. Il-Konvenzjoni dwar l-Età Minima, 1973 (Nru 138);

   ii. Il-Konvenzjoni dwar l-Aġħar Forom tax-Xogħol tat-Tfal, 1999 (Nru 182);

b) Ix-Xogħol Furzat u Obbligatorju:

   i. Il-Konvenzjoni dwar ix-Xogħol Furzat, 1930 (Nru 29) u 2014 il-Protokoll għall-Konvenzjoni dwar ix-Xogħol Furzat;

   ii. Il-Konvenzjoni dwar l-Abolizzjoni tax-Xogħol Furzat, 1957 (Nru 105);

c) Il-Libertà ta' Assoċjazzjoni u d-Dritt ta' Negozjar Kollettiv:

   i. Il-Konvenzjoni dwar il-Libertà ta' Assoċjazzjoni u l-Protezzjoni tad-Dritt għall-Organizzazzjoni, 1948 (Nru 87);

   ii. Il-Konvenzjoni dwar l-Applikazzjoni tal-Prinċipji tad-Dritt ta' Organizzazzjoni u tal-Innegozjar Kollettiv, 1949 (Nru 98);

d) Diskriminazzjoni:

   i. Il-Konvenzjoni dwar ir-Remunerazzjoni Indaqs, 1951 (Nru 100);

   ii. Il-Konvenzjoni dwar id-Diskriminazzjoni (Impjiegi u Xogħol) (Nru 111).

Dispożizzjonijiet supplimentari:

a) Ħinijiet tax-xogħol:

   i. Il-Konvenzjoni tal-ILO dwar is-Sigħat tax-Xogħol (Industrija), 1919 (Nru 1);

b) Remunerazzjoni:

   i. Il-Konvenzjoni tal-ILO dwar l-Iffissar tal-Paga Minima, l-1970 (Nru 131)

   ii. Il-paga li tiggarantixxi l-għajxien: L-applikant għandu jiżgura li l-pagi (minbarra kwalunkwe taxxa, bonus, benefiċċju, jew pagi tas-sahra) imħallsa għal ġimgħa tax-xogħol normali (li ma taqbiżx it-48 siegħa) jkunu biżżejjed biex ikopru l-ħtiġijiet bażiċi (akkomodazzjoni, enerġija, nutrizzjoni, ħwejjeġ, kura tas-saħħa, edukazzjoni, ilma għax-xorb, kura tat-tfal u trasport) tal-ħaddiema u ta' familja ta' erba' persuni, u li jipprovdu xi dħul diskrezzjonali. L-implimentazzjoni għandha tiġi awditjata b'referenza għall-gwida SA8000 ([9]) dwar ir-"Rimunerazzjoni";

c) Saħħa u Sigurtà:

   i. Il-Konvezjoni tal-ILO dwar is-Sikurezza fl-Użu tas-Sustanzi Kimiċi fuq ix-Xogħol, l-1990 (Nru 170);

   ii. Il-Konvenzjoni tal-ILO dwar is-Sikurezza u s-Saħħa fuq ix-Xogħol, l-1981 (Nru 155).

F'postijiet fejn id-dritt għal-libertà tal-assoċjazzjoni u n-negozjar kollettiv huwa ristrett bil-liġi, il-kumpanija mhux ser tirrestringi lill-ħaddiema milli jiżviluppaw mekkaniżmi alternattivi biex jesprimu l-ilmenti tagħhom u jipproteġu d-drittijiet tagħhom rigward il-kundizzjonijiet tax-xogħol u t-termini tal-impjieg, u għandha tirrikonoxxi assoċjazzjonijiet leġittimi tal-impjegati li magħhom tista' tidħol fi djalogu dwar kwistjonijiet fuq il-post tax-xogħol.

Il-proċess tal-awditjar għandu jinkludi konsultazzjoni ma' partijiet ikkonċernati ta' organizzazzjonijiet indipendenti tal-industrija esterni f'oqsma lokali madwar is-siti, inklużi trade unions, organizzazzjonijiet tal-komunità, NGOs u esperti tax-xogħol. Għandhom isiru konsultazzjonijiet sinifikanti ma' mill-inqas żewġ partijiet ikkonċernati minn żewġ subgruppi differenti.

Matul il-perjodu ta' validità tal-Ekotikketta tal-UE, l-applikant għandu jippubblika r-riżultati aggregati u s-sejbiet ewlenin mill-awditi (inkluż dettalji dwar (a) kemm hemm u kemm huma serji l-vjolazzjonijiet ta' kull dritt tax-xogħol u tal-istandard tal-OHS; (b) strateġija għar-rimedju – fejn ir-rimedju jinkludi l-prevenzjoni għal kull kunċett tal-UNGP; (c) il-valutazzjoni tal-kawżi ewlenin tal-vjolazzjonijiet persistenti li jirriżultaw mill-konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati – min ġie kkonsultat, liema kwistjonijiet tqajmu, kif dan influwenza l-pjan ta' azzjoni korrettiva), online sabiex tiġi pprovduta evidenza tal-prestazzjoni tagħhom lill-konsumaturi interessati.

Valutazzjoni u verifika: *l-applikant juri l-konformità ma' dawn ir-rekwiżiti billi jipprovdi kopja tal-verżjoni l-aktar reċenti tal-kodiċi ta' kondotta tagħhom li trid tkun konsistenti mad-dispożizzjonijiet speċifikati hawn fuq u mar-rapporti ta' awditu ta' appoġġ għal kull impjant finali tal-assemblaġġ tal-prodott għall-mudell(i) li jrid(u) jiġi(u) ekotikkettat(i) flimkien ma' link fuq l-internet għal fejn tista' tinstab il-pubblikazzjoni tar-riżultati u s-sejbiet online.*

([9]) Social Accountability International, *Social Accountability 8000 International Standard*, http://www.sa-intl.org

L-awditi fuq il-post minn partijiet terzi għandhom jitwettqu minn awdituri kkwalifikati biex jivvalutaw il-konformità tas-siti tal-manifattura industrijali mal-istandards soċjali jew mal-kodiċijiet ta' kondotta jew, f'pajjiżi fejn il-Konvenzjoni tal-ILO dwar l-ispezzjoni tax-xogħol, 1947 (Nru 81) ġiet ratifikata u s-superviżjoni tal-ILO tindika li s-sistema nazzjonali ta' spezzjoni tax-xogħol hija effettiva u l-ambitu tas-sistema ta' spezzjoni jkopri l-oqsma elenkati hawn fuq ([10])*, minn spettur(i) tax-xogħol maħtur(a) minn awtorità pubblika.*

Ċertifikazzjonijiet validi minn skemi ta' partijiet terzi jew proċessi ta' spezzjoni li, flimkien jew parzjalment, jawditjaw il-konformità mal-prinċipji applikabbli tal-Konvenzjonijiet fundamentali tal-ILO elenkati u d-dispożizzjonijiet supplimentari dwar il-ħinijiet tax-xogħol, ir-remunerazzjoni u s-saħħa u sikurezza u l-konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati esterni, għandhom jiġu aċċettati. Dawn iċ-ċertifikazzjonijiet ma għandux ikollhom aktar minn 12-il xahar.

5.2 **Akkwist ta' "minerali mingħajr kunflitt"**

L-applikant għandu jappoġġa l-akkwist responsabbli tal-landa, it-tantalju, it-tungstenu u l-minerali mhux maħduma tagħhom u deheb minn żoni affettwati minn kunflitti u minn żoni ta' riskju kbir billi:

(i) jimxi b'diliġenza dovuta skont il-Gwida tal-OECD dwar id-Diliġenza Dovuta għal Ktajjen ta' Provvista Responsabbli tal-Minerali minn Żoni Affettwati mill-Kunflitti u Żoni ta' Riskju Għoli; u

(ii) jippromwovi produzzjoni u kummerċ responsabbli tal-minerali f'żoni affettwati minn kunflitti u f'żoni b'riskju għoli għall-minerali identifikati li jintużaw fil-komponenti tal-prodott f'konformità mal-Gwida tal-OECD.

***Valutazzjoni u verifika**: L-applikant għandu jiddikjara l-konformità ma' dawn ir-rekwiżiti flimkien mal-informazzjoni ta' prova li ġejja:*

— *rapport li jiddeskrivi l-attivitajiet ta' diliġenza dovuta tagħhom tul il-katina tal-provvista għall-erba' minerali identifikati. Dokumenti ta' prova bħal ċertifikazzjonijiet ta' konformità maħruġa mill-iskema tal-Unjoni Ewropea għandhom jiġu aċċettati wkoll.*

— *Identifikazzjoni ta' komponent(i) li fihom il-minerali identifikati, u l-fornitur(i) tagħhom, kif ukoll is-sistema tal-katina tal-provvista jew il-proġett użat għal akkwist responsabbli.*

Kriterju 6 — Kriterji ta' informazzjoni

6.1 **Informazzjoni għall-utenti**

Il-prodott għandu jinbiegħ bl-informazzjoni rilevanti għall-utent, li tipprovdi pariri dwar l-użu u r-rimi ambjentali xieraq tal-prodott.

L-imballaġġ u/jew id-dokumentazzjoni li jakkumpanjaw il-prodott għandhom jipprovdu d-dettalji ta' kuntatt (telefown u/jew posta elettronika) u referenza għall-informazzjoni online għall-konsumaturi li jkollhom mistoqsijiet jew li jkunu jeħtieġu parir speċifiku dwar l-użu jew ir-rimi tal-unità tal-wiri elettronika. Bħala minimu, l-informazzjoni għandha tinkludi l-informazzjoni li ġejja (fejn applikabbli):

(a) Konsum tal-enerġija: Klassi tal-Effiċjenza Enerġetika f'konformità mar-Regolament Delegat (UE) 2019/2013. Id-domanda massima għall-enerġija f'kull modalità operattiva. Barra minn hekk, għandhom jiġu pprovduti struzzjonijiet dwar kif tintuża l-modalità tal-iffrankar tal-enerġija tat-tagħmir u informazzjoni li l-effiċjenza enerġetika tnaqqas il-konsum tal-enerġija u b'hekk tiffranka l-flus billi tnaqqas il-kontijiet tal-elettriku;

(b) L-indikazzjonijiet li ġejjin dwar kif jitnaqqas il-konsum tal-enerġija:

(i) Jekk il-prodott jintefa mill-plakka, jew jintefa mill-iswiċċ li jitfi l-apparat kompletament (meta jkun hemm wieħed installat), dan jaqta' l-użu tal-enerġija għal (qrib) żero;

(ii) It-tqegħid tal-prodott fil-modalità standby inaqqas il-konsum tal-enerġija, iżda xorta waħda jieħu xi ftit enerġija;

(iii) Innota li l-iscreen savers (monitors tal-kompjuter) jistgħu jwaqqfu l-unitajiet tal-wiri milli jgħaddu għal modalità ta' enerġija aktar baxxa meta ma jkunux qed jintużaw. Għalhekk, l-iżgurar li l-iscreen savers ma jkunux attivati fuq l-iskrins jista' jnaqqas l-użu tal-enerġija;

(iv) Innota li Funzjoni Quick Start tista' tikkawża żieda fil-konsum tal-enerġija;

(v) Innota li l-funzjonijiet integrati, bħal riċevitur għas-sinjali diġitali (eż. DVB-T) jew reġistratur b'diska riġida jistgħu jgħinu biex inaqqsu l-konsum tal-enerġija jekk, bħala riżultat, apparat estern ma jibqax meħtieġ.

(c) Il-konnettività tan-netwerk: Informazzjoni dwar kif jiġu diżattivati l-funzjonijiet tan-netwerking;

(d) Il-pożizzjoni tal-iswiċċ li jitfi kompletament;

(e) Informazzjoni li l-estensjoni tat-tul tal-ħajja tal-prodott tnaqqas l-impatti ambjentali ġenerali;

([10]) Ara ILO NORMLEX (http://www.ilo.org/dyn/normlex/en) u l-gwida ta' sostenn fil-manwal tal-utent.

(f) L-indikazzjonijiet li ġejjin dwar kif ittawwal il-ħajja tal-prodott:

(i) Iż-żarmar u t-tiswija ċari li jippermettu żarmar mhux distruttiv tal-prodotti bl-iskop li jiġu sostitwiti l-komponenti ewlenin jew il-parts għat-tiswija;

(ii) Informazzjoni biex l-utent ikun jaf fejn għandu jmur biex jikseb tiswijiet u servisjar professjonali tal-prodott, inkluż dettalji ta' kuntatt kif xieraq;

(g) Struzzjonijiet dwar tmiem il-ħajja għar-rimi xieraq tal-prodott f'faċilitajiet għall-iskart goff jew permezz ta' skemi ta' teħid lura mill-bejjiegħa skont kif ikun applikabbli, li għandhom jikkonformaw mad-Direttiva 2012/19/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;

(h) Informazzjoni li l-prodott ingħata l-Ekotikketta tal-UE bi spjegazzjoni qasira dwar xi jfisser dan flimkien ma' indikazzjoni li aktar informazzjoni dwar l-Ekotikketta tista' tinstab fuq is-sit web http://www.ecolabel.eu;

(i) Kwalunkwe verżjoni stampata tal-istruzzjonijiet/tal-manwal(i) tat-tiswija għandu jkun fiha kontenut irriċiklat u ma għandux ikun fiha karta bbliċjata bil-kloru. Sabiex jiġu ffrankati r-riżorsi, għandhom jiġu ppreferuti l-verżjonijiet online.

Valutazzjoni u verifika:*L-applikanti għandhom jiddikjaraw il-konformità tal-prodott ma' dawn ir-rekwiżiti lill-korp kompetenti u għandhom jipprovdu link għall-verżjoni online jew kopja tal-istruzzjonijiet għall-utent / manwal tat-tiswija lill-korp kompetenti.*

6.2 **Informazzjoni li tidher fuq l-Ekotikketta tal-UE**

Jekk tintuża t-tikketta fakultattiva bil-kaxxa testwali, din għandu jkun fiha tlieta mit-testi li ġejjin:

(a) effiċjenza għolja fl-użu tal-enerġija;

(b) restrizzjoni ta' sustanzi perikolużi;

(c) iddisinjata biex tkun faċli li tissewwa u tiġi rriċiklata;

(d) fiha xy % plastik riċiklat fil-fażi ta' wara l-konsumatur (meta jkun hemm aktar minn 25 % biss bħala perċentwal tal-plastik totali).

L-applikant għandu jsegwi l-istruzzjonijiet dwar kif għandu jintuża sew il-logo tal-Ekotikketta tal-UE pprovdut fil-Linji Gwida tal-logo tal-Ekotikketta tal-UE:

http://ec.europa.eu/environment/ecolabel/documents/logo_guidelines.pdf

Valutazzjoni u verifika*: L-applikant għandu jipprovdi dikjarazzjoni ta' konformità ma' dan il-kriterju, appoġġata b'immaġni/disinn b'riżoluzzjoni għolja tal-imballaġġ tal-prodott li turi b'mod ċar it-tikketta, in-numru tar-reġistrazzjoni/tal-liċenzja u, fejn rilevanti, id-dikjarazzjonijiet li jistgħu jintwerew flimkien mat-tikketta.*